MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2013

SEDUTA NUMRU 28 – AD HOC

IT-TNEJN 17 TA' JANNAR 2011 FIL-5.00 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku rreferiet għall-iskema mnedija mill-Awtorita' Tad-Djar biex tirriġenera l-oqsma madwar il-bini tal-Gvern. Hija qalet li peress li l-applikazzjoni tagħlaq fit-28 ta' dan ix-xahar qed tressaq b'urġenza pjan ta' ħidma li jrid jiġi addottat mill-Kunsill dwar din il-materja. Is-Sindku rreferiet għall-mozzjoni li ġiet iċċirkulata mal-aġenda dwar proġett short term li fost affarijiet oħra jinvolvi xogħlijiet infrastrutturali u ta' tisbiħ bi Triq il-Prinċipessa Margerita. Hija spjegat li dan il-proġett għandu jikkumplimenta l-proġett tal-junction u għalhekk qed tipproponi li d-dawl dekorattiv tul din it-Triq jitħaddem permezz tal-PV's. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-proġett irid jinkorpora wkoll għajnuna edukattiva lir-residenti ta' dawn l-istess oqsma.

Il-Kunsill iddiskuta dan il-pjan u kien hemm qbil unanimu li l-applikazzjoni ssir mill-Perit C. Spiteri.

ii Is-Sindku ppreżentat il-kwotazzjoni (Euro449) tal-Kuntrattur tad-dawl dwar xogħlijiet li jridu jsiru biex is-sistema tal-PV titqabbad ma l-arloġġ tad-dawl. Hija pproponiet li din tiġl aċċettata. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Din ġiet approvata unanimament.

iii Is-Sindku nfurmat li l-Global Capital għamlu talba biex il-bozza li hemm f'nofs Triq Testaferrata tinqala' u titpoġġa fuq arblu ta' l-Enemalta li hemm fil-viċin peress li l-binja li hemm imwaħħal miegħu l-wire tad-dawl se titwaqqa'. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ma sab l-ebda oġġezzjoni dment li l-ispejjeż involuti jitħallsu mill-Kuntrattur.

**Il-Laqgħa spiċċat fis-6.45pm. u sar aġġornament għal nhar il-Ħamis 20 ta' Jannar 2011 fil-5.30p.m.**

| | |
|---|---|
| Antoinette Vassallo | Marisa Pisani |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |